



2023/2129(DEC)

31.1.2024

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza 2022: Il-baġit ġenerali tal-UE - Il-Kummissjoni
(2023/2129(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Katalin Cseh

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li s-sena attwali ta' awditjar hija dik li matulha r-Russja bdiet il-gwerra ta' aggressjoni tagħha fuq skala sħiħa kontra l-Ukrajna, u l-effetti tagħha madwar id-dinja żiedu b'mod drammatiku l-pressjoni fuq ħafna sħab tal-UE u żiedu l-bżonn għall-investimenti fl-iżvilupp sostenibbli u l-assistenza umanitarja; jesprimi sodisfazzjon li l-flessibbiltà tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (NDICI-Ewropa Globali) ippermettiet lill-Unjoni tadatta malajr għaċ-ċirkostanzi straordinarji; iħeġġeġ, madankollu, lill-Kummissjoni u lis-SEAE jieħdu aktar miżuri biex jiġi żgurat li, fil-futur, ir-riżerva tal-Istrument tintuża aktar kif maħsub, peress li l-użu bikri eċċessiv ta' din ir-riżerva wassal biex tiġi eżawrita malajr ħafna u biex tiġi użata lil hinn mill-iskop ewlieni tagħha li tirreaġixxi għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti; ifakkar fil-pożizzjoni stabbilita tal-Parlament li prijoritajiet ġodda għandhom jiġu ffinanzjati b'riżorsi addizzjonali;
2. Itenni l-impenn għall-għanijiet tal-istrument NDICI-Ewropa Globali, jiġifieri l-qerda tal-faqar, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, l-indirizzar tal-insigurtà tal-ikel u l-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli tal-bniedem; ifakkar fl-impenn tal-UE u tal-Istati Membri li jżidu l-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) għal 0,7 % tal-introjt nazzjonali gross sal-2030, filwaqt li jallokaw mill-inqas 20 % mill-ambitu tal-Istrument għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem, inklużi l-inugwaljanzi, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-educazzjoni u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa;
3. Ifakkar li l-istat tad-dritt, il-valuri fundamentali tal-UE u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi benefiċjarji huma inkorporati fl-atti bażiċi tal-IPA III u tal-NDICI-Ewropa Globali; jistieden lill-Kummissjoni timmodifika l-għajnuna f'każ li jkun jirrikjedi dan it-theddid għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt, għad-drittijiet tal-bniedem jew għal-libertajiet fundamentali;
4. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-EFSD+ jappoġġja l-investimenti biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs); jenfasizza l-importanza ta' approċċ olistiku għas-sigurtà tal-bniedem; jappella, għaldaqstant, għall-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III, li joperazzjonalizza l-Istrateġija tal-UE dwar is-Saħħa Globali u l-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażagħ fl-azzjoni esterna; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi tal-UE fil-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, filwaqt li jilqa' r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija; jappoġġja bis-sħiħ il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2023 dwar il-korruzzjoni bħala ostaklu għall-iżvilupp;
5. Jistieden lill-Kummissjoni tibgħat sinjali ċari lil dawk il-pajjiżi kandidati li fihom ir-rigressjoni kontra l-istandards tal-istat tad-dritt – inklużi r-restrizzjonijiet għal-libertà tal-espressjoni, għal-libertà tal-istampa, għad-drittijiet tan-nisa u tal-minoranzi, il-fastidju fil-konfront tal-NGOs u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem – qed tipperikola jew tittardja l-adeżjoni tagħhom mal-UE; jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-

effiċjenza tal-fondi li ntefqu biex titjieb il-qagħda tal-istat tad-dritt fil-pajjiżi tal-adeżjoni u jirrapportaw lura lill-Kumitati AFET u CONT;

6. Jieħu nota tar-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-ipprogrammar li kkonkluda li kien imfassal b'mod komprensiv, filwaqt li jindirizza firxa wiesgħa ta' bżonnijiet tal-pajjiżi sħab u l-prijoritajiet tal-UE; jenfasizza n-nuqqasijiet identifikati fil-metodoloġiji użati biex jiġi allokat il-finanzjament lill-pajjiżi u fl-istruttura tal-qafas ta' monitoraġġ; jirrakkomanda, għalhekk, li l-Kummissjoni u s-SEAE jtejbu l-metodoloġija għall-allokazzjoni tal-finanzjament u l-valutazzjoni tal-impatt tal-appoġġ mill-UE, jiffukaw l-ambitu tal-proċess ta' programmazzjoni, jissimplifikaw u jużaw b'mod konsistenti l-indikaturi li jinsabu fil-programmi indikattivi pluriennali; jissuġġerixxi, fil-qafas tal-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Istrument, li tiġi riveduta n-nomenklatura billi jiġi introdott livell ogħla ta' dettall għat-trasparenza, għall-prevedibbiltà, għall-obbligu ta' rendikont, u għall-iskrutinju, u li tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtorità baġitarja biex tagħmel għażliet li jirriflettu l-prijoritajiet politiċi; jiddispjaċih li l-Kummissjoni u s-SEAE applikaw żewġ approċċi differenti fi ħdan l-Istrument biex jiġi allokat finanzjament lill-pajjiżi tal-Viċinat u mhux tal-Viċinat u jitlob li dawn ikunu standardizzati, komparabbli u trasparenti sabiex jiġi ffaċilitat ir-rekord tal-awditjar;
7. Jenfasizza s-sinifikat li jintlaħqu l-miri kollha tal-infiq u dawk relatati mal-programmi deskritti fl-istrument NDICI-Ewropa Globali u jitlob li tiġi pprovduta informazzjoni komprensiva dwar il-progress miksub; jesprimi dispjaċir dwar in-nuqqasijiet sinifikanti biex tintlaħaq il-mira klimatika ta' 30 % tal-Istrument, biex jingħata kontribut għall-mira tal-bijodiversità ta' 10 % fl-ambitu tal-QFP għall-2026 u l-2027 u biex jiġi żgurat li l-impenji finanzjarji globali tal-UE skont il-qafas tan-NU jiġu ssodisfati, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontribuzzjoni għall-Fond għat-Telf u l-Ħsara; jenfasizza l-persjoni dejjem akbar li t-tibdil fil-klima jpoġġi fuq il-produzzjoni tal-ikel u l-aċċess għalih, b'mod partikolari f'reġjuni vulnerabbli, b'impatt fuq is-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni; ifakkar li l-bijodiversità hija kruċjali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u t-telf tagħha jimmina l-progress ta' madwar 80 % tal-miri vvalutati għall-SDGs; jappella lill-Kummissjoni għal pjan dettaljat li jiddeskrivi kif biħsiebha tilħaq il-miri tal-infiq u tal-ġeneru sa tmiem il-QFP;
8. Itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali 01/2022 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri sabiex jiġi żgurat impatt effettiv tal-assistenza finanzjarja tal-UE b'appoġġ għall-istat tad-dritt fil-Balkani tal-Punent, b'mod partikolari billi tiżviluppa linji gwida dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-modulazzjoni u l-kundizzjonalità fl-ambitu tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA) III;
9. Iħeġġeġ aktar il-mobilizzazzjoni tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'rispons għall-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna, li tibgħat sinjal ċar ta' bidla fundamentali għall-politika estera u ta' sigurtà tal-UE; jinnota r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li jirrakkomanda s-sekwenzjar tal-għodod eżistenti tal-UE għall-ippjanar u l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża biex jiġi vvalutat kif l-ippjanar għall-finanzjament tad-difiża tal-UE jista' jiġi żviluppat aktar;
10. Jilqa' l-Kodiċi ta' Prattika rivedut tal-Kummissjoni dwar id-Diżinformazzjoni, adottat fl-2022; jitlob li t-Task Force stabbilita, li tiltaqa' fuq bażi regolari, timmonitorja u

tadatta l-impenji fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi, soċjetali, tas-suq u leġislattivi; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-UE żżid il-viżibbiltà tal-azzjonijiet tagħha permezz ta' komunikazzjoni aħjar u aktar strateġika tal-azzjonijiet esterni tagħha mmirati lejn iċ-ċittadini tagħha stess u lil hinn;

11. Ifaħħar l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-programm ta' assistenza ta' EUR 25 miljun "EU4Belarus: Nappoġġjaw ir-reżiljenza tas-soċjetà u l-iżvilupp tal-kapital uman" li jsaħħaħ aktar ir-reżiljenza u l-kapaċità tal-poplu Belarussu li jippromwovi bidliet demokratiċi fil-Belarussja fi żmien ta' kriżi politika;
12. Jissottolinja li l-baġit tal-Unjoni jrid ikompli jipprovdi appoġġ biex jibni l-paċi u l-istabbiltà fir-reġjun tal-Lvant Nofsani, jiġġieled il-mibegħda u l-fundamentaliżmu u jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem; jistenna r-rieżami li l-Kummissjoni qed twettaq dwar l-użu tal-fondi tal-Unjoni; jissottolinja l-interkonnessjonijiet bejn l-istabbiltà u l-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari f'pajjiżi u reġjuni fraġli;
13. Jinnota l-konklużjoni tar-rieżami intern tal-Kummissjoni rigward il-fondi tal-Unjoni għall-Palestina, li kkonkludiet li l-kontrolli tal-Kummissjoni u s-salvagwardji eżistenti fis-seħħ jaħdmu sew u ma sabet l-ebda evidenza li l-flus ġew iddevjati għal skopijiet mhux intenzjonati; jistieden lill-Kummissjoni tiżborża kif xieraq il-fondi tal-UE lill-Palestina, b'mod partikolari lis-soċjetà ċivili Palestinjana, li għandha rwol ċentrali fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-valuri sekulari, kif ukoll fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni;
14. Jissottolinja li l-baġit tal-UE għandu jiġi ġestit f'konformità mat-Trattati u mal-acquis tal-UE, inklużi dispożizzjonijiet relatati mal-konformità mad-drittijiet fundamentali, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont lejn il-Parlament Ewropew u iċ-ċittadini tal-UE; jiddispjaċih, f'dak l-isfond, għall-*modus operandi* tal-Kummissjoni fil-ġestjoni tagħha tal-linji baġitarji fir-rigward tal-migrazzjoni esterna, b'mod partikolari n-nuqqas ta' valutazzjonijiet tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali qabel ma saru proġetti fil-qasam tal-migrazzjoni f'pajjiżi terzi, in-nuqqas tal-ħarsiet ġenerali tal-baġits u l-proġetti disponibbli għall-pubbliku u r-rifjut sistematiku tal-Kummissjoni li tipprovdi lill-Parlament b'ħarsiet ġenerali lejn l-infiq baġitarju relatat mal-migrazzjoni għal kull pajjiż u d-dokumentazzjoni relatata mal-MOCADEM, minkejja diversi talbiet u impenji formali skont il-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ttejjeb b'mod sinifikanti dawn il-prattiki b'effett immedjat, b'mod partikolari billi twettaq valutazzjonijiet tal-impatt *ex ante* fuq id-drittijiet tal-bniedem qabel il-proġetti, toħloq ħarsa ġenerali pubblika tal-proġetti kollha relatati mal-migrazzjoni f'pajjiżi terzi u sistematikament tqiegħed lill-Parlament fl-istess livell mal-Kunsill f'termini tal-livell ta' informazzjoni pprovduta;
15. Jisħaq fuq l-importanza tal-edukazzjoni u l-ħtieġa kritika li jiġu ddenunzjati u eliminati l-manifestazzjonijiet kollha ta' diskors ta' mibegħda u azzjonijiet vjolenti fiż-żewġ naħat; jenfasizza li s-sospensjoni tal-finanzjament ma għandhiex isseħħ b'mod arbitrarju jew mingħajr evidenza trasparenti u indipendenti ta' użu ħażin; ifaħħar lill-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati tal-Palestina (UNRWA) għall-isforzi umanitarji indispensabbli tagħha f'Gaża u r-rwol ċentrali tagħha fl-għoti ta' edukazzjoni ta' kwalità, b'enfasi speċifika fuq it-trawwim ta' kultura tad-drittijiet tal-bniedem, anke fi żminijiet diffiċli;

16. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ssaħħa l-approcé ibbażat fuq il-kundizzjonalità tal-Istat tad-Dritt tal-finanzjament tal-IPA III, sabiex l-istrument jaqdi l-iskop tiegħu li jħejji b'mod effettiv lill-pajjiżi tal-adeżjoni biex jissodisfaw il-kundizzjonijiet li jsiru Stati Membri tal-UE; iqis li enfasi partikolari fuq l-istat tad-dritt u l-kundizzjonijiet relatati mad-demokrazija hija ta' importanza f'dan ir-rigward;
17. Jenfasizza l-importanza tal-istrateġija Global Gateway li tista' tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal inizjattivi dwar il-konnettività u l-kooperazzjoni ekoloġika u diġitali u li jeħtieġ li tkun iffukata u strutturata b'mod ċar sabiex tagħmel impatt trasformattiv fil-pajjiżi sħab filwaqt li l-valuri universali jiġu promossi u r-riżorsi jintużaw bl-aħjar mod possibbli; jappoġġja bil-qawwa l-ingranaġġ tal-baġit tal-UE u l-involvement tas-settur privat għall-kontribut għall-Aġenda 2030; jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu ta' obbligu ta' rendikont ċar u trasparenti għall-implimentazzjoni tal-istrateġija u turi raġunament ċar b'rabta mal-użu tal-finanzjament għall-iżvilupp tal-proġetti mmarkati taħt l-istrateġija Global Gateway u l-benefiċċji ugwali tiegħu għas-setturi pubbliċi u privati tal-pajjiżi riċevituri;
18. Jirrikonoxxi r-rwoli multipli li l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (OSC) għandhom; ifakkar fl-impenn tal-UE li tappoġġja lill-OSC fl-istrumenti u fil-programmi esterni kollha u fl-oqsma kollha ta' kooperazzjoni, inkluż permezz ta' approcè flessibbli u mfassal apposta għall-finanzjament sabiex jintlaħqu t-tipi kollha ta' OSC; jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi lill-OSC b'mod aktar sistematiku fl-Inizjattivi Global Gateway u Tim Ewropa;
19. Jiddispjaċih li l-baġit tal-PESK għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK żdied biss marġinalment mill-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014-2020 għall-QFP 2021-2027 (minn punt ta' tluq ta' bejn wieħed u ieħor EUR 350 miljun fis-sena), filwaqt li, fl-istess ħin, l-għadd u l-kompiti tal-missjonijiet żdiedu, l-ambjent tas-sigurtà sar aktar impenjattiv, l-ispiża tal-operazzjonijiet żdiedet, l-inflazzjoni għoliet u l-għadd ta' persunal kuntrattwali żdied, u b'hekk il-potenzjal li jitwessgħu l-mandati tal-missjonijiet attwali jew li possibbilment jiġu stabbiliti missjonijiet ġodda b'rispons għall-bżonnijiet urġenti ta' sigurtà ġie limitat; jappella għal żieda sostanzjali fil-finanzjament għall-baġit tal-PESK, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat l-użu effiċjenti tal-fondi allokatati għall-missjonijiet ċivili tal-PSDK, sabiex jiġi żgurat li dawn jirrispondu b'mod effettiv għal sitwazzjonijiet ta' kriżi u avvenimenti mhux previsti, u biex jiġi identifikat b'mod attiv fejn proġetti u programmi komplementari jistgħu jiġu ffinanzjati minn baġits rilevanti oħra tal-UE, filwaqt li jiġu żgurati ġestjoni finanzjarja tajba u l-prijoritizzazzjoni bir-reqqa tar-riżorsi eżistenti;
20. Jitlob ukoll li tinbidel l-istruttura tal-baġit tal-PESK u li tiġi ġġenerata linja baġitarja waħda għal kull missjoni ċivili tal-PSDK, sabiex ikun hemm skrutinju aħjar u aktar trasparenza.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur għal opinjoni tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissema f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	23.1.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 48 - : 2 0 : 9
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alexandrov Yordanov, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Krzysztof Brejza, Reinhard Bütikofer, Włodzimierz Cimoszewicz, Anna Fotyga, Michael Gahler, Giorgos Georgiou, Sunčana Glavak, Raphaël Glucksmann, Klemen Grošelj, Bernard Guetta, Márton Gyöngyösi, Dietmar Köster, Andrius Kubilius, Ilhan Kyuchyuk, Jean-Lin Lacapelle, Miriam Lexmann, Nathalie Loiseau, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, Thierry Mariani, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Alessandra Moretti, Javier Nart, Matjaž Nemeč, Demetris Papadakis, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor, Mounir Satouri, Jordi Solé, Tineke Strik, Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz, Isabel Wiseler-Lima, Tomáš Zdechovský, Bernhard Zimniok, Željana Zovko
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Attila Ara-Kovács, Adam Bielan, Özlem Demirel, Christophe Grudler, Arba Kokalari, Georgios Kyrtos, Katrin Langensiepen, Karsten Lucke, Erik Marquardt, Juozas Olekas, Bert-Jan Ruissen, Christian Sagartz, Mick Wallace
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Theresa Bielowski

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

48	+
ECR	Adam Bielan
NI	Márton Gyöngyösi
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Krzysztof Brejza, Michael Gahler, Sunčana Glavak, Arba Kokalari, Andrius Kubilius, Miriam Lexmann, Leopoldo López Gil, Antonio López-Istúriz White, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Christian Sagartz, Isabel Wiseler-Lima, Tomáš Zdechovský, Željana Zovko
Renew	Petras Auštrevičius, Klemen Grošelj, Christophe Grudler, Bernard Guetta, Georgios Kyrtos, Ilhan Kyuchyuk, Nathalie Loiseau, Javier Nart
S&D	Attila Ara-Kovács, Maria Arena, Theresa Bielowski, Włodzimierz Cimoszewicz, Raphaël Glucksmann, Dietmar Köster, Karsten Lucke, Alessandra Moretti, Matjaž Nemeč, Juozas Olekas, Demetris Papadakis, Tonino Picula, Thijs Reuten, Nacho Sánchez Amor
Verts/ALE	Reinhard Bütikofer, Katrin Langensiepen, Erik Marquardt, Mounir Satouri, Jordi Solé, Tineke Strik, Viola von Cramon-Taubadel, Thomas Waitz

2	-
ID	Bernhard Zimniok
NI	Kostas Papadakis

9	0
ECR	Anna Fotyga, Bert-Jan Ruissen, Dominik Tarczyński, Hermann Tertsch
ID	Jean-Lin Lacapelle, Thierry Mariani
The Left	Özlem Demirel, Giorgos Georgiou, Mick Wallace

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni